**Nru. 807**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 807**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 25.7.2017 | €34.835 | €0.485 |

Il-25 ta' Lulju, 2017

25th July, 2017

**Nru. 808**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali**

Bi qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (L.S. 549.46) fir-rigward tal-applikazzjoni msemmija hawn taħt, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li tirriżulta f'impatti ambjentali li jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv fl-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali. Għalhekk, id-Direttur tal-Ambjent u r-Riżorsi jaqbel li l-proposta ma teħtiġx Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali (EPS). Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ambjentali li huma speċifikati fil-kundizzjonijiet tal-proġett propost.

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni, kif ġie konkluż fl-*iscreening* tal-proġett skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: PA 07240/16 (EA 00018/17)
Lokalità: Sit f'Ta' Xwieki, Triq Tal-Balal, L-Iklin, Malta

**No. 808**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Notification of Exemption from Environmental Planning Statement**

In conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations, 2007 (S.L. 549.46) with respect to the application mentioned hereunder, the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to result in environmental impacts that can be effectively addressed in an Environmental Impact Assessment. Therefore, the Director of Environment and Resourses agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS). This is without prejudice to the environmental obligations being specified in the proposed project conditions.

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application, as concluded in the project screening according to Schedule IB of the same Regulations.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 07240/16 (EA 00018/17)
Location: Site at Ta' Xwieki, Triq Tal-Balal, Iklin, Malta

Proposta: Bdil fl-użu ta' proprjetà minn parkeġġ ta' vetturi kummerċjali approvat minn PA7390/16 għal sit ta' SME (inkluż skavar ta' kantina) u bini ta' garaxxijiet klassi 6a (ħażna u distribuzzjoni) f'livell sotterran u l-livell terran.

Proposal: To change use of property from parking of commercial vehicles as approved in PA7390/16 to an SME site (including excavation of basement) and erection of class 6a garages (storage & distribution) at ground floor and basement level.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS). Il-PDS flimkien mal-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali ġew sottomessi lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fis-27 ta' April, 2017 u l-14 ta' Lulju, 2017, rispettivament.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS). The PDS and the justification for exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) were submitted to the Environment and Resources Authority on the 27th April, 2017 and 14th July, 2017, respectively.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżura biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Kwalità tal-arja, storbju u vibrazzjonijiet | Waqt il-kostruzzjoni, storbju, vibrazzjonijiet u trab minn tindif, tħaffir tas-sit u kostruzzjoni huwa mistenni. L-ebda impatt sinifikanti ma huwa previst minħabba l-iskala tal-proġett propost u dment li jiġu osservati r-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007 (L.S. 552.09).<br>Waqt l-operat, l-emissjonijiet se jiddependu fuq l-attivitajiet li se jitwettqu f'kull garaxx. Il-fażi operattiva tal-proġett mhix probabbli li tirriżulta f'volum tat-traffiku għoli. |
| *Air quality, noise and vibrations* | *During construction, noise, vibrations and fugitive dust from site clearance, excavation, and construction is expected. No significant impact is envisaged given the scale of the proposed project and as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (S.L 552.09) are adhered to. During operation, emissions will depend on the activities to be carried out within each garage. The operational phase of the project is not likely to result in high traffic volumes.* |
| Immaniġġar tal-iskart | L-ammont ta' skart solidu ġġenerat mill-proġett waqt il-kostruzzjoni mhux probabbli li jkun sinifikanti, meta tqis in-natura tal-proġett u li kwalunkwe impatt possibbli waqt il-kostruzzjoni jista' jiġi mmitigat bil-prattiki tajba ta' kostruzzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007 (L.S. 552.09).<br>Skart muniċipali se jiġi ġġenerat waqt l-operat, imma dan jista' jiġi immaniġġjat permezz tal-mekkaniżmu tal-immaniġġar tal-iskart nazzjonali. Konformità mar-regolamenti tal-ġestjoni tal-iskart u l-adozzjoni tal-aħjar prattika fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart operattiv se jiżguraw li l-iskart ikun mill-inqas possibbli |
| *Waste management* | *The amount of solid waste likely to be generated by the project during construction is not likely to be significant, considering the nature of the project, and that any possible impacts during construction may be sufficiently mitigated through the provisions laid down in the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (S.L. 552.09).*<br>*Municipal waste will be generated during operation, but this can be absorbed by the existing national waste management mechanisms. Compliance with the relevant waste management regulations and the adoption of best practice in relation to operational waste management will ensure minimisation of waste.* |
| Impatt viżiv | Il-proposta mhix mistennija li tiġġenera impatti viżivi sinifikanti minħabba l-kuntest tas-sit u peress l-applikazzjoni hija għall-kostruzzjoni ta' garaxxijiet għall-makkinarju diġà maħżun fuq is-sit. |
| *Visual amenity* | *The proposal is not likely to generate significant visual impacts given the site context and the fact that the application seeks to construct garage units for equipment already stored on site.* |
| Idroloġija | Is-sit jinsab fi *Ground Water Safeguard Zone*. Waqt il-kostruzzjoni, kwalunkwe *overspills* mis-sit se jkunu evitati sabiex l-ilma tal-wiċċ ma jkunx ikkontaminat, b'hekk l-impatti fuq l-ilma tal-pjan mhux mistennija li jkunu sinifikanti. L-art tal-garaxxijiet kollha se tkun miksija bil-konkrit u *bunded* biex jipprevienu kwalunkwe kontaminazzjoni u għalhekk l-impatti mhux mistennija li jkunu sinifikanti. |
| *Hydrology* | *The site falls within the Ground Water Safeguard Zone. During construction, surface water will be managed to avoid any overspills from the site, thus potential groundwater contamination is not expected to be significant. The floor of all garages will be concreted and bunded, to prevent any contamination and therefore the impacts are not expected to be significant.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tinforma l-proċess tad-deċiżjoni.

Il-25 ta' Lulju, 2017

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 122**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala *tow zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

**Santa Venera**

Nhar is-Sibt, id-29 ta' Lulju, 2017, mid-9.30 a.m. sal-11.30 p.m., mill-*bypass* tal-Imrieħel direzzjoni lejn il-*bypass* tal-Marsa (minn fejn l-uffiċini tal-MFSA), il-*bypass* tal-Marsa minn kantuniera ma' Triq Aldo Moro, il-Marsa, mit-telgħa biswit is-Sezzjoni tal-Kavallerija tal-Pulizija (fejn Triq Aldo Moro se tibqa' aċċessibbli għat-traffiku), il-*bypass* tal-Marsa direzzjoni lejn il-mina ta' Santa Venera kif ukoll lejn id-direzzjoni tal-*bypass* tal-Imrieħel, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera u parti minn Triq il-Kbira San Gużepp, il-Ħamrun u Triq il-Kanun, Santa Venera.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Lulju, 2017

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 123**

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Birżebbuġa**

Nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Lulju, 2017, mill-4.30 p.m. 'il quddiem, minn Triq Birżebbuġa.

Nhar is-Sibt, id-29 ta' Lulju, 2017, mill-11.00 p.m. sat-Tnejn, is-7 ta' Awwissu, 2017 fit-3.00 p.m., minn Triq Birżebbuġa.

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to inform the decision making process.

25th July, 2017

POLICE NOTICE

**No. 122**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Santa Venera**

On Saturday, 29th July, 2017, from 9.30 a.m. till 11.3 p.m., through Imrieħel bypass direction towards Marsa bypass (near MFSA offices), Marsa, bypass corner with Triq Aldo Moro, Marsa, from hill near Police Cavalry Section (near Triq Aldo Moro will remain accessible to traffic), Marsa bypass direction towards Santa Venera tunnel and also direction towards Mrieħel bypass, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera and part of Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun and Triq il-Kanun, Santa Venera.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

25th July, 2017

POLICE NOTICE

**No. 123**

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

**Birżebbuġa**

On Friday, 28th July, 2017, from 4.30 p.m. onwards, through Triq Birżebbuġa.

On Saturday, 29th July, 2017 from 11.00 p.m. till Monday, 7th August, 2017 at 3.00 p.m., through Triq Birżebbuġa.